# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sebgha (7) ta' Frar 2019**

**Rikors Numru 7/19 FDP**

**No Deposit Cars Limited**
**(C-85780)**

**vs**

**Dorangel Hammett**
**(ID 93576M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Jannar 2019 fejn s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta

> *Thallas l-ammont ta' ghaxart elef mitejn u sittin Euro (€10,260) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-hlas, liema ammont hu rapprezentanti hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura targata LDE 395 u dan skond il-Hire and Purchase Agreement datata l-1 ta' Gunju 2018 bejn il-partijiet.*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluz tal-mandat ta' sekwestru.*

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lill-intimat fil 25 ta' Jannar 2019. (fol 11 tergo)

Rat illi fl-4 ta' Frar 2019, l-intimata msejjha diversi drabi ma deheritx, ghalkemm persuna mhux maghrufa halliet karta ossija certifikat tal-mard mhux mahluf u illegibbli u bla data fir-registru tal-awla (fol 12), u s-socjeta rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (fol 14).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda ma deheritx biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti tghid li t-talba attrici ghadha dovuta issib li t-talba tas-socjeta rikorrenti kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma komplessiva ta' **ghaxart elef mitejn u sittin Euro (€10,260)** ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.

**Spejjez u Imghax legali mid-data tar-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**